

### Motivi invokati

- Ksur tal-Artikolu 165(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikoli 32(f) u 39 (5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
  - Ksur tal-Artikolu 166(4)(c) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tal-Artikoli 32 (f) u 39(5) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2018/625;
  - Ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
  - Ksur tal-Artikolu 94(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill minħabba nuqqas ta' motivazzjoni fid-deċiżjoni kkontestata tal-Bord tal-Appell;
  - Ksur tal-prinċipji ta' ugwaljanza fit-trattament u ta' amministrazzjoni tajba.
- 

### Rikors ippreżentat fis-27 ta' Mejju 2020 – Hochmann Marketing vs EUIPO (bittorrent)

(Kawża T-337/20)

(2020/C 255/32)

Lingwa tal-kawża: il-Ġermaniż

### Partijiet

Rikorrenti: Hochmann Marketing GmbH (Neu-Isenburg, il-Ġermanja) (rappreżentant: J. Jennings, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprijetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

### Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO

*Trade mark kontenjuža kkonċernata: it-trade mark verbali tal-Unjoni Ewropea bittorrent – Trade mark verbali tal-Unjoni Nru 3 216 439*

*Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-30 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 187/2020-4*

### Talbiet

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġeneral i jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

### Motivi invokati

- Żball ta' liġi serju, peress li l-konverżjoni fi trade mark Awstrijaka ma hijiex eskluża b'mod evidenti;
- Ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea kif ukoll l-ipoteżei arbitrarja li r-rikorrenti f'ebda mument ma pprovat b'mod sostantiv li l-użu fl-Awstrija għandu jitqies bħala li huwa affermat;
- Ksur tal-Artikolu 103(1) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill;
- Irregolarità gravi tal-proċedura u żball ta' liġi serju, peress li l-Bord tal-Appell ma ġax inkunsiderazzjoni l-konstatazzjoni u d-deċiżjoni tal-Uffiċċju, li l-konverżjoni fi trade mark Ġermaniż kienet korretta;
- Ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali peress li repetutament ma ġax inkunsiderazzjoni il-prova ta' użu prodotta fil-Kawża C-118/18;

- Irregularità tal-proċedura u ksur tal-Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali, peress li l-interess ekonomiku tar-rikorrenti fl-eżitu tal-proċedura huwa preżenti;
- Irregularità gravi tal-proċedura u żball ta' liġi serju peress li ħa inkunsiderazzjoni l-argumenti fit-talba tal-intervenjenġi tat-23 ta' Settembru 2019 dwar l-applikazzjoni allegatament *in mala fide* tat-trade mark nazzjonali tar-rikorrenti;
- Żball ta' liġi serju minħabba l-esklużjoni tal-konverżjoni skont l-Artikolu 139(2)(a) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill abbażi tas-sentenza fil-Kawża C-149/11;
- Irregularità gravi tal-proċedura u żball ta' liġi serju, peress li l-Uffiċċju talab li jieħu pożizzjoni biss wara l-annullament tat-trade mark Awstrijaka u li l-Uffiċċju sal-lum għadu ma esprimiex ruħu dwar l-argumenti tar-rikorrenti li jinsabu fit-talba għal konverżjoni;
- Żball ta' liġi rigward id-deċiżjoni dwar l-ispejjeż.

**Rikors ippreżentat fid-29 ta' Mejju 2020 – EAB vs EUIPO (RADIOSHUTTLE)**

(Kawża T-341/20)

(2020/C 255/33)

Lingwa tal-kawża: l-Isvediż

**Partijiet**

Rikorrenti: EAB AB (Smålandsstenar, l-Isvezja) (rappreżentanti: J. Norderyd u C. Sundén, avukati)

Konvenut: L-Uffiċċju tal-Proprjetà Intellettwali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

Trade mark kontenjuża kkonċernata: applikazzjoni għar-reġistrazzjoni tat-trade mark verbali tal-Unjoni “RADIOSHUTTLE”– Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 179 709 13

Deċiżjoni kkontestata: id-deċiżjoni tal-Ewwel Bord tal-Appell tal-EUIPO tat-23 ta' Marzu 2020 fil-Każ R 1428/2019-1

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata, u
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 7(1)(b) u (c) u tal-Artikolu 7(2) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fil-5 ta' Ġunju 2020 – Krasny vs EUIPO – Spółdzielnia “Pokój” (Pokój TRADYCJA JAKOŚĆ KRÓWKA SŁODKIE CHWILE Z DZIECIŃSTWA TRADYCYJNA RECEPTURA)**

(Kawża T-355/20)

(2020/C 255/34)

Lingwa tar-rikors: l-Ingliż

**Partijiet**

Rikorrenti: PAO Moscow Confectionery Factory “Krasnyj Octyabr” (Moska, ir-Russja) (rappreżentanti: M. Geitz u J. Stock, avukati)